**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

**2022/2195(INI)**

25.5.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-Użbekistan
(2022/2195(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Roman Haider



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' t-tmiem b'suċċess tan-negozjati dwar il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Użbekistan u jistenna li dan il-ftehim se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ulterjuri tal-Użbekistan fis-sistema kummerċjali multilaterali, se jsaħħaħ il-mekkaniżmi tal-ekonomija tas-suq u se jżid il-fiduċja tal-investituri barranin; jemmen li l-ftehim se jiżgura ambjent regolatorju aħjar għall-operaturi ekonomiċi f'oqsma bħall-kummerċ tal-merkanzija u s-servizzi, l-intrapriżi tal-istat, l-akkwist u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; ifakkar li l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, l-implimentazzjoni ta' valuri kondiviżi u l-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali huma l-bażi ewlenija għall-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Użbekistan, li jsawwar relazzjonijiet bilaterali;

2. Jirrikonoxxi l-isforzi li għamel l-Użbekistan biex jimplimenta l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod partikolari fir-rigward tal-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat fis-settur tal-qoton; jissottolinja l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lill-Gvern Użbek jaħdem biex jiżgura pagi ġusti għall-ħaddiema tal-qoton; jirrikonoxxi l-adozzjoni tal-Kodiċi tax-Xogħol il-ġdid tal-Użbekistan, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2023 u li jintroduċi innovazzjonijiet fir-relazzjonijiet tax-xogħol u fir-riżoluzzjoni tat-tilwim; iħeġġeġ lill-Gvern Użbek jagħmel id-data dwar it-tħaddim tat-tfal aktar trasparenti għall-partijiet ikkonċernati kollha u jippermetti r-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' xogħol furzat, tħaddim tat-tfal u sfruttament; jistieden lill-Użbekistan jintroduċi riformi usa' biex jagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili u jiżviluppa istituzzjonijiet effettivi sabiex jipprovdi trasparenza u obbligu ta' rendikont u jikkonsolida l-progress fil-partijiet kollha tas-settur tal-qoton;

3. Jirrikonoxxi l-importanza strateġika dejjem tikber tal-Asja Ċentrali u r-rwol ewlieni li l-Użbekistan għandu fil-kooperazzjoni u l-konnettività reġjonali, b'mod partikolari bħala parti mill-Inizjattiva Global Gateway; jemmen li, skont il-politika tal-Kummissjoni ta' awtonomija strateġika miftuħa, ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista se tissaħħaħ billi jiġi stabbilit network ta' partijiet ikkonċernati fdati bbażat fuq attivitajiet ekonomiċi sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku, kif ukoll fuq skambji diplomatiċi regolari;

4. Jisħaq li l-UE u l-Użbekistan għandhom jużaw il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali tagħhom biex jiddiversifikaw b'mod attiv l-industriji tal-Użbekistan ħalli jappoġġaw tranżizzjoni aċċellerata lejn l-enerġija rinnovabbli u jżidu l-isforzi biex jiggarantixxu l-effiċjenza enerġetika skont il-Ftehim ta' Pariġi u jtejbu l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija fl-Asja Ċentrali ma' dawk tal-pajjiżi ġirien u tal-UE billi jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi strateġiji tal-politika tal-enerġija u proġetti infrastrutturali fir-reġjun, f'konformità man-negozjati fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-istabbiliment ta' regoli u kriterji għall-kollegament tal-kummerċ, il-klima u l-ambjent; ifakkar li dan għandu jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini billi jtaffi l-faqar enerġetiku,

jiggarantixxi tranżizzjoni ġusta lejn emissjonijiet żero sal-2050 u jistabbilixxi, sa dik id-data, reġjun tal-Asja Ċentrali li jkun newtrali għall-klima;

5. Jirrikonoxxi l-isfidi li l-Użbekistan qed jiffaċċja, fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, hekk kif il-gvern tiegħu qed jipprova jiddiversifika d-dipendenzi ekonomiċi u kummerċjali tiegħu fuq ir-Russja u qed ifittex li jinkoraġġixxi kooperazzjoni akbar mas-sħab Ewropej tiegħu;

6. Jisħaq li l-konnettività u l-kooperazzjoni fir-reġjun għandhom jappoġġaw, b'mod kumpless u komprensiv, sforzi msaħħa mill-ġdid taħt il-Pjattaforma UE-Asja Ċentrali dwar l-Ambjent u l-Kooperazzjoni fl-Ilma; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-prinċipji tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali waqt l-estrazzjoni jew l-ipproċessar tar-riżorsi naturali; itenni li huwa għalhekk kruċjali li d-dħul mir-riżorsi naturali jiġi investit mill-ġdid għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Użbekistan u jiġi żgurat li l-pajjiż u l-ġirien tiegħu jsiru reżiljenti għal sfidi globali u reġjonali futuri, billi jippermettu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU bis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha; jemmen li dan huwa kruċjali biex jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' ekonomiji ċirkolari sostenibbli fil-pajjiż u fir-reġjun;

7. Jisħaq li l-Użbekistan għandu wkoll rwol kruċjali fis-sigurtà reġjonali u l-istabbiltà ekonomika, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni;

8. Jiġbed l-attenzjoni dwar ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-assistenza possibbli tal-Użbekistan lir-Russja, peress li dan jista' jkun qed jgħin lir-Russja tevita s-sanzjonijiet kummerċjali imposti mill-UE; jitlob monitoraġġ bir-reqqa tas-sitwazzjoni;

9. Itenni l-importanza tas-sħubija tal-Użbekistan fl-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus (SĠP+), li tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u tagħti riżultati pożittivi ħafna (l-esportazzjonijiet lejn l-UE żdiedu b'34 % fl-2021); jirrikonoxxi li meta jiġi aċċettat l-Użbekistan bħala benefiċjarju tas-SĠP+, dan jirrifletti r-rikonoxximent tar-riformi mwettqa mill-Gvern Użbek; jinnota li, minkejja l-progress li għamel l-Użbekistan f'dawn l-aħħar snin, għad hemm għadd ta' tħassib rigward l-implimentazzjoni effettiva tas-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenija; itenni l-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet, kif ukoll konformità mal-obbligi ta' rapportar skont l-iskema SĠP+; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa u timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni effettiva tas-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenin kollha skont is-SĠP+ dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, ir-regolamenti ambjentali u l-prinċipji ta' governanza tajba; jappella għal kooperazzjoni mal-Użbekistan biex jiġu żviluppati proċeduri doganali effiċjenti u affidabbli li jikkontribwixxu għad-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni amministrattiva, li se jikkontribwixxu b'mod pożittiv biex jiżdiedu l-flussi kummerċjali;

10. Jisħaq li, minkejja l-progress fl-eliminazzjoni tax-xogħol furzat, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u l-pagi baxxi, u l-progress fir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-ħaddiema u r-rikonoxximent tal-libertà ta' assoċjazzjoni, inkluż id-dritt li jiġu stabbiliti tradeunions indipendenti, għad hemm problemi kbar fl-Użbekistan;

11. Jinnota li l-Użbekistan jista' jkollu rwol importanti fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista reġjonali u globali billi jwassal minerali u metalli għall-benefiċċju tal-

industrji domestiċi, reġjonali u internazzjonali, inklużi l-industrji tal-UE, billi jiżgura sħubija u kooperazzjoni teknoloġika reċiproka bħala parametri referenzjarji u appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika;

12. Jisħaq li, minħabba n-nuqqas ta' aċċess dirett għall-portijiet marittimi, l-iżvilupp tal-infrastruttura u l-kurituri loġistiċi, b'mod partikolari r-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-Kaspju, huma ta' importanza kruċjali biex isir il-kummerċ u biex l-Użbekistan ikun konness mas-swieq ta' sħab kummerċjali potenzjali; jinnota li konnessjonijiet u networks effiċjenti u sostenibbli bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali permezz ta' kurituri tat-trasport prijoritarji, inkluż it-trasport bl-ajru, bil-baħar u fuq l-art, kif ukoll networks diġitali, interpersonali u tal-enerġija, se jżidu l-flussi kummerċjali;

13. Jilqa' l-istabbiliment tal-ewwel tradeunion indipendenti fl-Użbekistan fis-settur tal-qoton; jistieden lill-awtoritajiet Użbeki jippromwovu, f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO ratifikati mill-Użbekistan, l-istabbiliment ta' tradeunions indipendenti u alternattivi fis-setturi kollha tal-ekonomija;

14. Jistieden lill-awtoritajiet Użbeki jirratifikaw il-Konvenzjoni 155 tal-ILO dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali;

15. Jappella għall-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp ekoloġiku u l-esplorazzjoni ulterjuri tal-potenzjal tal-Użbekistan biex jibni relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-UE.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.5.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 6<br>0: 13 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Daniel Caspary, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neveďalová, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Dominik Tarczyński, Kathleen Van Brempt, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Reinhard Bütikofer, Enikő Győri, Sandra Kalniete, Seán Kelly, Liudas Mažylis, Pedro Silva Pereira, Witold Jan Waszczykowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Camilla Laureti, Eleni Stavrou |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil |
| ID | Roman Haider, Danilo Oscar Lancini |
| NI | Enikő Győri |
| PPE | Daniel Caspary, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Seán Kelly, Gabriel Mato, Liudas Mažylis, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler |
| Renew | Barry Andrews, Catharina Rinzema |

| 6 | - |
|---|---|
| NI | Carles Puigdemont i Casamajó |
| Renew | Samira Rafaela |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Markéta Gregorová, Heidi Hautala |

| 13 | 0 |
|---|---|
| ECR | Witold Jan Waszczykowski |
| NI | Tiziana Beghin |
| PPE | Eleni Stavrou |
| S&D | Bernd Lange, Camilla Laureti, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neveďalová, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Kathleen Van Brempt |
| The Left | Emmanuel Maurel, Helmut Scholz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni